**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# Avveniment f'Bay Street għax-xahar ta' Kuxjenza fuq Kanċer tas-Sider

Bay Street se jingħaqad mal-Breast Care Support Group Europa Donna (BCSGED) Malta biex ifakkar ix-xahar ta' Kuxjenza fuq il-Kanċer tas-Sider u jorganizza tmiem il-ġimgħa ta' attivitajiet fis-6 u s-7 ta' Ottubru, 2012, fiċ-Ċentru ta' Xiri u Divertiment f'Bay Street, San Ġiljan. It-tema ta' dan it-tmiem il-ġimgħa hi: B supportive; Think pink; Think fashion (Agħti appoġġ, aħseb fir-rosa; aħseb fil-moda).

L-avvenimenti jibdew nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru, fl-10.30 a.m. u jibqgħu għaddejjin matul il-ġurnata u filgħaxija u l-ġurnata kollha l-Ħadd, 7 ta' Ottubru. Fost l-attivitajiet hemm: make-overs grazzi għal Franks; klassijiet tal-fitness minn Ladies Latin Workout; divertiment fir-Rotunda; l-attendenza tal-Girl Guides minn diversi lokalitajiet madwar Malta; wirja ta' tisjir bnin mix-Chef Saviour Deguara; face painting; sessjoni taż-Zumba minn MarizaB, għalliema uffiċjali ta' Zin Zumba; wirja ta' Tai Kwando mill-Akkademija SMTA-TAEKI; u wirja ta' kif tagħmel is-sapun minn Soap Cafè Malta.

Fil-ġurnata tal-Ħadd, wara nofsinhar, ikun hemm wirja tal-moda minn Mangano, Cupida, Cycleband u Fruscío, li kollha jinsabu Bay Street.

Il-Breast Care Support Group twaqqaf fl-1987 biex ikabbar it-tagħrif fuq il-kanċer tas-sider u l-importanza tal-kura tas-sider. Fl-2004 il-grupp ingħaqad ma’ Europa Donna, il-Koalizzjoni Ewropea tal-Kanċer tas-Sider, li hija favur l-aħjar trattament tal-kanċer tas-sider għan-nisa kollha fl-Unjoni Ewropea.

Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-BCSGED hu s-sapport tan-nies li ġew dijanostikati bil-kanċer tas-sider u biex jagħtu inkoraġġiment lil dawk li qegħdin taħt trattament sa kemm jirkupraw u l-ħajja wara t-trattament, u jekk hemm bżonn kirurġija biex jerġa’ jinbena s-sider. Il-grupp hu mpenjat jgħin lil dawk li qegħdin jirkupraw mill-kanċer tas-sider biex jerġgħu ikollhom immaġni pożittiva ta’ ġisimhom u stil ta’ ħajja b’saħħitha. Toffri wkoll sapport lill-membri tal-familja u l-ħbieb ta’ pazjenti jew sopravissuti.

Għal iktar informazzjoni ċempel fuq 2138 0600 jew żur il-paġna ta’ Bay Street fuq Facebook www.facebook.com/baystreetmalta.

– TMIEM –